# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Settembru 2015**

**Kawza Numru : 13**
**Rikors Guramentat Numru : 513/2015/LSO**

**Robert Anthony Felice, maghruf bhala Robert Felice, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 73183(M).**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Robert Anthony Felice maghruf Robert Felice (73183 M)) datat 27 ta' Mejju 2015 fejn bil-gurament tieghu kkonferma: -

Illi fic-certifikat tat-twelid tieghu (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. A) li jgib in-numru ta' registrazzjoni 0793823 tas-sena 1982 hemm indikat fit-tielet kolonna tal-istess, taht l-intestatura 'Isem il-Wild' l-isem ta' 'Robert Anthony';

Illi r-rikorrent Robert Anthony Felice dejjem uza l-isem ta' 'Robert' u l-familja tieghu dejjem uzaw ghalih l-isem ta' 'Robert' skont kif jirrizulta mill-annessa dokumentazzjoni;

Illi l-isem ta' 'Robert' u mhux dak ta' 'Robert Anthony' huwa fil-fatt l-isem li bih ir-rikorrenti Robert Anthony Felice kien konsistentement maghruf u msejjah;

Illi r-rikorrent Robert Anthony Felice jixtieq li l-eventwali tibdil effettivat fl-att tat-twelid tieghu jigi wkoll registrat u rifless f' kull att tal-istat civili relattiv ghalih;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti Robert Anthony Felice huwa maghruf konsistentement bl-isem ta' 'Robert' u mhux 'Robert Anthony';

2 Tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti Robert Anthony Felice li jgib in-numru ta' registrazzjoni 731 tas-sena 1983 billi taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem 'Robert Anthony' u minflok jigi registrat l-isem 'Robert';

3. Tordna li dan it-tibdil fl-isem tar-rikorrenti Robert Anthony Felice jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess rikorrenti Robert Anthony Felice b'mod illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi isem ir-rikorrenti Robert Anthony Felice ikun 'Robert' u mhux 'Robert Anthony';

4. Tordna lill-intimat sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta' Lulju 2015 (fol 23) fejn Dr. Mariella

Silvio ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha tiddikjara u tikkonferma dan li gej :

1. Illi *in limine litis* ukoll huwa mehtieg li ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi fir-rigward it-talba numru 3 tar-rikors promotur, ir-rikorrent irid jindika liema huma l-atti li fihom huwa jrid li tali bidla tigi riflessa.

4. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 7 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Anna Maria

D'Agostino u Dr. Maurizio Cordina. Dr. D'Agostino pprezentat nota u ddikkjarat li m'ghandhiex aktar provi, salv li tipprezenta nota fejn tindika l-atti fejn qed tintalab korrezzjoni kif ukoll il-korrezzjoni mitluba, ma fadlilhiex provi f’ dan l-istadju. Dr. Cordina ddikjara li m'ghandux provi x'jipproduci. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza, il-Qorti thalli l-kawza ghas-sentenza ghad-29 ta' Settembru 2015 fid-9:30a.m. b'dan illi d-difensur tal-attur ghandha tipprezenta n-nota ndikata sa mhux aktar tard minn 20 gurnata minn dan il-verbal bil-visto/notifika tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat id-Digriet taghha tat-30 ta' Lulju 2015 fejn, fuq talba tar-rikorrent, awtorizzat il-korrezzjoni tat-tieni talba attrici.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat ċivili billi jigi sostitwit l-isem jew ismijiet li bihom il-persuna hija konsistentement maghrufa.

Tali talba tirnexxi jekk ir-rikorrent jipprova ghas-soddisfazzjon tal-Qorti li huwa konsistentement maghruf bl-isem "Robert" minflok "Robert Anthony".

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-9 ta' Gunju 2015 (fol.30) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

In sostenn tat-tezi tieghu, l-attur ipprezenta diversi xhieda permezz ta' affidavits[1] rispettivament tal-genituri tieghu u qraba li kollha affermaw li huwa kien u ghadu konsistentement maghruf bl-isem "Robert" u mhux "Robert Anthony". *Inoltre* esebixxa diversi dokumenti li jattestaw li Robert huwa l-isem li bih huwa maghruf socjalment, pubblikament u fid-dinja tax-xoghol.

Illi fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li huwa konsistentement kien u ghadu maghruf bl-isem "Robert" u mhux "Robert Anthony" u t-talba tieghu hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Illi izda taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-Att tat-twelid, esebit mill-istess intimat, u ghal din ir-raguni l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza.

Ghall-fini tat-tielet talba, ir-rikorrent ipprezenta nota fis-27 ta' Lulju 2015 fejn indika bhala atti tal-istat civili tieghu huma l-passaport, il-Karta tal-Identita' u l-Licenzja tas-Sewqan. Dawn mhumiex fost l-Atti li jaqghu fil-mansjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku imma huma fil-kompetenza ta' entitajiet ohra. Skont l-artikolu 253(3) tal-

[1] esebiti a fol 12-16 tal-process

Kap.16 l-atti ghall-korrezzjoni ghandhom jigu indikati fit-talba bin-numru u s-sena relattiva tal-iskrizzjoni taghhom. Ghaldaqstant in difett ta' tali indikazzjoni, din it-talba ma tistax tigi akkolta. Madanakollu sabiex ma tippregudikax lir-rikorrent ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mit-talbiet u mill-eccezzjonijiet sollevati skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti Robert Anthony Felice huwa maghruf konsistentement bl-isem ta' 'Robert' u mhux 'Robert Anthony';

2 **Tilqa'** t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti Robert Anthony Felice li jgib in-numru ta' registrazzjoni 731 tas-sena 1983 billi taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem 'Robert Anthony' u minflok jigi registrat l-isem 'Robert';

3. **Tastjeni** milli tiehu konjizzoni tat-tielet talba.

4. **Tilqa'** r-raba' ralba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li dawn il-proceduri

jghaddu in gudikat jaghmel il-korrezzjoni, thassir u registrazzjonijiet mitluba fic-certifikati hawn fuq indikati;

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**29 ta' Settembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Settembru 2015**